**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**KUMITAT PERMANENTI DWAR IL-ĦATRIET PUBBLIĊI**

**LAQGĦA NRU 23**

**It-Tlieta, 11 ta' Frar, 2025**

Il-Kumitat Permanenti dwar il-Ħatriet Pubbliċi ltaqa' fil-Parlament, il-Belt Valletta, fit-3.43 p.m.

L-Onor. Chris Agius, President tal-Kumitat, ippresieda.

**PREŻENTI**

L-Onor. Rebekah Borg, l-Onor.Adrian Delia, l-Onor. Amanda Spiteri Grech, u l-Onor. Andy Ellul, l-Onor. Julie Zahra kienu preżenti.

**MINUTI**

Il-Minuti ta' Laqgħa Nru 22 li saret fil-11 ta' Diċembru 2024, kienu kkonfermati.

**SMIGĦ FIR-RIGWARD TAN-NOMINA TA' DOTT CHARLES MANGION GĦALL-KARIGA TA' PRESIDENT TAL-AWTORITÀ TAT-TURIŻMU TA' MALTA**

Il-President tal-Kumitat irrefera għall-ittra li huwa kien irċieva mingħand il-Ministru għall-Affarijiet Barranin, il-Kummerċ u t-Turiżmu l-Onor. Ian Borg, datata 6 ta' Jannar 2025, dwar in-nomina ta' Dott Charles Mangion għall-ħatra ta' President tal-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta.

Il-Kumitat stieden lil Dott. Charles Mangion sabiex jidher quddiem il-Membri tal-Kumitat biex isirulu mistoqsijiet supplimentari relatati mat-tweġibiet bil-miktub li kien bagħat lill-Kumitat, skont is-subartikolu 38(4) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, Kap. 595.

Dott. Charles Mangion daħal fil-kamra tal-Kumitat.

Il-President tal-Kumitat informa lil Dott. Charles Mangion li d-domandi u t-tweġibiet tagħha kienu ser jiġu ppubblikati *ai termini* tal-artikolu 38(2) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika u li l-laqgħa kienet se tiġi streamed live fuq il-website tal-Parlament, u eventwalment tixxandar ukoll fuq it-television channel tal-Parlament.

Dott. Mangion ta rendikont tal-karriera tiegħu bħal nutar, u bħala membru parlamentari bejn l-1987 u l-2017, fejn serva wkoll bħala Deputat Speaker. Serva wkoll bħala Ministru għall-ġustizzja u bħala President tal-Kumitat Permanenti tal-Kontijiet Pubbliċi. Serva wkoll f'diversi direttorati kif ukoll bħala Chairman tal-Enemalta, u sussegwentement tal- kumpanija tal-ajru Air Malta.

Il-President tal-Kumitat stieden lill-membri tal-Kumitat sabiex jagħmlu l-mistoqsijiet tagħhom u saret diskussjoni bbażata fuq dawn il-mistoqsijiet.

Fl-4.24 p.m. il-President tal-Kumitat irringrazzja lil Dott. Charles Mangion u talbu sabiex jirtira mill-kamra tal-Kumitat sakemm il-Kumitat jiddiskuti n-nomina tiegħu.

Fl-4.24 p.m. il-laqgħa rriżumiet u meta l-President tal-Kumitat qiegħed il-mistoqsija fuq in-nomina ta' Dott. Charles Mangion għall-ħatra ta' President l-membri kollha vvutaw favur din il-ħatra.

Il-ħatra proposta għaddiet nem. con.

Fil-4.27 p.m. il-Kumitat stieden lil Dott. Charles Mangion jidħol lura fil-kamra tal-Kumitat.

Dott. Charles Mangion daħal fil-kamra tal-Kumitat u ġie informat li n-nomina tiegħu għall-kariga ta' President tal-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta kienet ġiet approvata mill-Kumitat u li, skont kif provdut fis-subartikolu 38(5) u fit-Tielet Taqsima tal-Ħames Skeda tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, il-parir tal-Kumitat, flimkien mal-Minuti tal-laqgħa kellhom jintbagħtu lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej, il-Kummerċ u t-Turiżmu.

Il-membri tal-Oppożizzjoni xtaqu jgħaddu l-messaġġ lil Dott. Charles Mangion, li n-naħa tal-Oppożizzjoni vvutat favur din il-ħatra bil-premissa li Dott Mangion jimpenja ruħu sabiex tingħata importanza għar-riforma tar-regolamenti tal-infurzar għalies kulma jmur, il-problemi fir-rigward qegħdin jiżdiedu.

Dott. Mangion irringrazzja lill-Kumitat tar-rakkomandazzjoni u rtira mill-kamra.

Fl-4.29 p.m. il-Kumitat ikkonkluda d-diskussjoni u aġġorna.

**EMMA TERRIBILE**
**SKRIVANA TAL-KUMITAT**

**KONFERMATI**

**ONOR. CHRIS AGIUS**
**PRESIDENT TAL-KUMITAT**